TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 132/2020/F

**Chantelle Brincat u Colin Vella**

**vs**

**Harvin Vassallo**

Illum, 15 ta' Mejju 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-19 ta' Settembru 2020;

Ra li l-Intimat ġie notifikat bl-Avviż tat-Talba nhar it-18 ta' Mejju 2022 mill-Marixxal Charles Cassar wara l-ħin legali;

Ra li minkejja li ġie debitament notifikat, l-Intimat la ppreżenta Risposta u lanqas ma attenda għas-seduti quddiem it-Tribunal

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Colin Vella bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti qed jitolbu l-ħlas ossija rifużjoni tas-somma ta' €800.00 rappreżentanti s-somma li għaddew lill-Intimat sabiex jixtri l-materjal biex jagħmel xogħolijiet ta' gypsum u tibjid fil-post tagħhom.

Illi fix-xhieda tiegħu bil-ġurament, ir-Rikorrent Colin Vella jispjega li minkejja li kien mgħoddi l-ammont mitlub biex ikun jista' jibqa' x-xogħlijiet kif miftiehem, l-Intimat mar fuq il-post darba biss għal ftit siegħat u uża materjali milli kienu diġà mixtrija mir-Rikorrenti. Minn dakinhar, l-Intimat sparixxa u qatt ma reġa' mar biex ikompli x-xogħol. Minkejja dan, l-ammont ta' tmien mitt Euro (€800.00) qatt ma ġie ritornat.

Illi intant, bin-nuqqas tal-Intimat li jressaq Risposta u li jattendi għas-seduti biex iressa il-provi, effettivament naqas milli jikkonesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan li kieku ried.

Illi jirriżulta li dak li qed jitolbu r-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħhom bħala Konsumaturi.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom sodisfaċentament u skont il-liġi;

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00)**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***